**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum 8 ta' Awwissu 2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs.**

**Emiliano Marchetti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra:

Emiliano Marchetti, u detentur tal-karta tal-identita U1K840192J

Akkuzat talli:

1. Iffalsifika xi biljett tal-flus jew mexxa biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li hu falsifikat [Art. 45 (1) Kap. 204]

2. u iktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli (liema prova tkun fuq l-akkużat) kellu fil-kustodja jew

pussess tiegħu, biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess kien falsifikat [Art. 46 Kap. 204]

3. u iktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, mingħajr awtorità legali jew skuża leġittima jew raġonevoli għamel, uża, jew xjentement kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, xi karta maħsuba biex tixbaħ u biex tgħaddi bħala karta speċjali bħal dik provduta u wżata għall-egħmil ta' xi biljett tal-flus, jew xi karta speċjali tali. [Art 47(a) Kap 204]

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tal-lum l-Ufficcjal Prosekutur iddikjara li qed jirtira l-ewwel imputazzjoni.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega' ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fatt li huwa ikkopera kemm mad-dirigenti tal-istabbiliment Fuego fejn ipprova jhallas b'karta ta' ghoxrin Euro (€20) falza, kif ukoll ikkopera mal-pulizija.

Il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat kellu fil-pussess tieghu karta wahda falza ta' ghoxrin Euro (€20). Il-bqija tal-karti tal-flus Euro fil-kartiera tieghu, erba' (4) karti tal-hamsin Euro (€50) u karta ohra ta' ghoxrin Euro (€20) kienu kollha genwini. Kien hu stess li offra l-kartiera tieghu lid-dirigenti tal-istabbiliment Fuego, u sussegwentement lill-Pulizija, sabiex jivverifikaw li ma kellux karti tal-flus illegali fiha.

L-imputat gie hawn ghal btala ta' ftit jiem, u ghandu impjieg fiss gewwa l-Italja.

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja, anke jekk wahda sospiza mhix idonea.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 46 u 47(a) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 50(4) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lir-Registratur jikkonsenja l-karta ta' flus falza ezebita f'dawn il-proceduri lill-Bank Centrali ta' Malta, biex tigi ezaminata mill-istess Bank.

Il-Qorti tordni li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti ta' dawn il-proceduri jintbaghtu lill-Avukat Generali, skond il-ligi.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**